



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

(2010/2214(DEC))

1.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (C7-0236/2012 - 2010/2214(DEC))

Relatur: Georgios Papanikolaou

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

### *Korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja*

1. Jirrikonoxxi n-numru kbir ta' aġenziji li ġew maħluqa f'dan il-qasam ta' politika iżda jenfasizza li l-ħolqien ta' kull aġenzija ġdida kien ibbażat fuq ħtieġa reali; huwa konvint li l-aġenziji kollha f'dan il-qasam ta' politika jaqdu rwol distint u meħtieġ li jipprovdi valur miżjud Ewropew; huwa tal-fehma li kull fużjoni potenzjali bejn l-aġenziji tista' taffettwa b'mod negattiv il-frott tal-ħidma tal-aġenziji;
2. Iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jagħmlu dak kollu possibbli biex jamministraw il-baġits tagħhom b'mod responsabbli u jippruvaw itejbu l-ġestjoni tagħhom għall-aktar livell għoli possibbli sabiex tiġi evitata kwalunkwe rimarka kritika min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri fil-futur. jitlob, b'mod partikolari, għal titjib fir-rigward ta' ppjanar tal-baġit li ma għandux jagħti stima eċċessiva tal-ħtiġijiet u għandu jirrispetta l-prinċipju tal-annwalità; jistieden lill-aġenziji jistinkaw għall-aktar livell għoli ta' trasparenza; jikkongratula lill-aġenziji li diġà għamlu sforzi biex jirrazzjonalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom u jottimizzaw l-użu tal-baġits tagħhom;
3. Jinnota li xi aġenziji fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja huma operazzjonali u li l-implementazzjoni tal-baġit tagħhom jiddependi wkoll minn fatturi esterni, li għandhom jiġu kkunsidrati waqt l-ippjanar;
4. Ifakkar lill-aġenziji dwar l-obbligu tagħhom li jibagħtu lill-awtorità responsabbli għall-kwittanza rapport imħejji mid-direttur tagħhom li jiddiskrivi fil-qosor in-numru u n-natura tal-awditi interni mwettqa mill-awditur intern, ir-rakkomandazzjonijiet li saru u s-segwitu tagħhom, kif previst fl-Artikolu 72(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002;
5. Jistieden b'mod ġenerali lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja soda tal-aġenziji, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li biha l-aġenziji użaw l-appropriazzjonijiet tagħhom biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.2.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 46 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Iosif Matula, Judith Sargentini, Nils Torvalds, Ivo Vajgl